MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2011

Rikors Numru. 4/2010

Marco **PUTZULU CARUANA**

vs

**AVUKAT ĠENERALI**

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors imressaq fit-22 ta’ Jannar, 2010, li bih u għar-raġunijiet hemm fih imfissrin, ir-rikorrent talab li din il-Qorti (i) ssib li ma ngħatax smigħ xieraq fil-kors tal-appell imressaq mill-intimat quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali maqtugħ b’sentenza mogħtija fil-11 ta’ Jannar, 2010, u dan bi ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta (aktar ’il quddiem imsejħa l-“Kostituzzjoni”) u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-

Ħarsien tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa il-"Konvenzjoni"); u (ii) tagħti l-ordinijiet u tagħti dawk id-direttivi li jidhrilha xierqa, u b'hekk tħassar l-imsemmija sentenza mogħtija fil-11 ta' Jannar, 2010. Ir-rikorrent irriżerva kull dritt ieħor u kull talba għal kumpens f'kawża separata;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Jannar, 2010, li bih appuntat is-smigħ tar-Rikors għat-18 ta' Frar, 2010;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat fis-16 ta' Frar, 2010, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqa' għall-azzjoni tar-rikorrent billi, b'mod preliminari, qal li r-rikorrent kellu rimedji effikaċi li seta' jinqeda bihom fis-sens li mhux biss jagħmel osservazzjonijiet bil-fomm, iżda wkoll li jitlob lill-Qorti tal-Appell Kriminali biex tara li x-xhieda li ma kinitx fl-inkartament tiddaħħal fl-atti tal-appell. Laqa' wkoll fil-mertu, billi qal li r-rwol tal-Qorti tal-Appell Kriminali huwa dak ta' reviżjoni tal-atti mressqa quddiem il-Qorti ta' l-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u mhux ta' qorti li terġa' tidħol fid-dettalji kollha tal-provi li jkunu nġabu quddiem l-ewwel qorti. F'kull każ, kien fis-setgħa tal-Qorti tal-Appell Kriminali li tiddeċiedi jekk l-aggravji f'appell imressaq quddiemha huwiex wieħed dwar punt ta' dritt jew punt ta' fatt, b'mod li jekk kemm-il darba tqis li l-appell ikun wieħed fuq punt ta' dritt – bħalma jidher li kien il-każ fl-appell mertu tal-każ – dik il-Qorti tagħmel sewwa li tikkunsidra l-punt bla ma tidħol fil-kwestjoni tal-apprezzament tal-provi fattwali. Żied jgħid li l-kwestjoni jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali tħallix jew le li jitressqu provi ġodda quddiemha ma jitqiesx bħala raġuni ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6(3)(d) tal-Konvenzjoni;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Frar, 2010[1], li bih ordnat lir-rikorrent ifisser aħjar it-tieni talba tiegħu u tat direttivi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat in-nota mressqa mir-rikorrent fit-23 ta' Frar, 2010, bid-dokumenti mehmużin magħha;

---

[1] Paġ. 12 tal-proċess

Rat l-affidavit imressqin mir-rikorrent fis-17 ta’ Marzu, 2010;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tat-13 ta’ April, 2010, mid-difensur tar-rikorrent dwar l-ordni mogħti lilu waqt is-smigħ tat-18 ta’ Frar, 2010;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-21 ta’ Ottubru, 2010[2] li biha qablu li sa ma ngħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta’ Jannar, 2010, ix-xhieda mogħtija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-atti tal-kawża tas-sentenza appellata ma kinitx tinsab fl-inkartament;

Rat is-sentenza tagħha tat-2 ta’ Diċembru, 2010[3], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat;

Rat il-provi mressqa mill-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet (reġistrata u traskritta)[4];

Rat l-atti kollha tal-kawża magħduda fosthom il-kopja tal-inkartament tal-proċeduri kriminali tal-atti tal-Appell Numru 159/09;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta’ Mejju, 2011, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi b’din l-azzjoni, r-rikorrent qiegħed jgħid li ġarrab ksur ta’ jedd fundamentali dwar smigħ xieraq minħabba li f’appell imressaq mill-intimat Avukat Ġenerali f’kawża maqtugħa

[2] Paġ. 441 tal-proċess
[3] Paġġ. 443 sa 450 tal-proċess
[4] Paġġ. 459 sa 465 tal-proċess

mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li kienet ħelsitu minn kull imputazzjoni, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet laqgħet l-imsemmi appell u sabet lir-rikorrent ħati tal-akkużi mressqin kontrih, meta x-xhieda mogħtija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ma kinitx imdaħħla fl-inkartament;

Illi l-intimat laqa' għall-imsemmija azzjoni billi, b'mod preliminari, qal li r-rikorrent ma nqediex f'waqtu b'rimedji ordinarji li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu biex jirrimedja għall-ilment li seta' kellu. Fil-mertu, laqa' billi qal li ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd tar-rikorrent għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u dan għaliex kien imħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tqis jekk l-appell kienx jirrigwarda punt ta' dritt jew ta' fatt, u ladarba sabet li l-kwestjoni kienet waħda ta' dritt, ma kienx meħtieġ li jkollha quddiemha x-xhieda li ngħatat quddiem il-Qorti tal-ewwel grad. Bl-istess mod, lanqas kien hemm ksur tal-jedd tar-rikorrent taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

Illi l-<u>fatti li joħorġu mill-atti</u> relattivi għall-imsemmija eċċezzjoni juru li r-rikorrent huwa *project supervisor* bi kwalifiki akkademiċi fil-qasam tas-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u fl-ambjent minn universita' barranija[5]. F'April tal-2009[6], tressaq b'akkuża ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 5(a)(b) u (e) tal-Avviż Legali 281 tal-2004, dwar xogħlijiet li kienu qegħdin isiru ġo sit fix-Xemxija, fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar, f'Marzu tal-2009. L-akkużi kienu jirrigwardaw nuqqas ta' "ko-ordinazzjoni" mal-kuntratturi tal-proġett għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar ħarsien tal-ħaddiema minn perikli għal saħħithom u s-sigurta' tagħhom. L-awtoritajiet kienu bdew il-proċess wara li għall-ħabta ta' Settembru tal-2008[7] kien seħħ inċident fuq is-sit u żammew spezzjonijiet fuq il-post fejn seħħ l-inċident. Ir-rikorrent kien il-"*project supervisor*" fiż-żmien rilevanti;

---

[5] Affidavit tiegħu 16.3.2010, f'paġ. 36 tal-proċess
[6] Dok "AG1", f'paġ. 16 tal-proċess
[7] Xhieda ta' David Saliba 1.2.2011, f'paġ. 455 tal-proċess

Illi l-kawża kellha tinstema' fis-6 ta' Mejju, 2009. Dak inhar, il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, semgħet il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni (xehdet Silvana Ceci Bonello) u mill-akkużat (xehed l-istess akkużat, li ressaq ukoll *dossier* b'dokumentazzjoni marbuta ma' dak li kien għaddej fuq is-sit waqt li kien miexi l-proġett)[8]. Ir-rikorrent kien mgħejjun minn avukat imqabbad minnu. Dak inhar stess tat is-sentenza tagħha li biha r-rikorrent inħeles minn kull akkuża miġjuba kontrih[9]. B'Nota mressqa fit-8 ta' Mejju, 2009[10], il-Kummissarju tal-Pulizija għarraf lill-Qorti li kien fi ħsiebu jappella minn dik is-sentenza;

Illi fil-21 ta' Mejju, 2009[11], l-intimat Avukat Ġenerali ressaq l-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali li fih talab li dik il-Qorti "tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata, tagħddi (*sic*) biex issib l-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontriħ u tiddeċiedi l-appell skond il-liġi". L-appell tqiegħed għas-smigħ fis-16 ta' Ottubru, 2009[12]. Ir-rikorrent ressaq Tweġiba għar-Rikors tal-appell fit-18 ta' Novembru, 2009[13]. Fit-30 ta' Novembru, 2009, l-appell kien ittrattat u tħalla għas-sentenza għall-11 ta' Jannar, 2010. Skond l-avukat tar-rikorrent, dak inhar kien ġibed l-attenzjoni tal-Qorti għall-fatt li x-xhieda li kienet ingħatat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ma kinitx traskritta u ma kinitx tinsab fl-inkartament li l-Qorti kellha quddiemha. Jgħid li l-Qorti tal-Appell Kriminali xorta qatgħetha li tħalli l-kawża għas-sentenza u tara jekk kienx lok ta' sentenza fuq punt legali u, jekk le, tordna li jinstemgħu x-xhieda li kienu nstemgħu quddiem l-ewwel Qorti[14];

Illi fil-11 ta' Jannar, 2010, ingħatat is-sentenza[15], billi ntlaqa' l-appell tal-intimat Avukat Ġenerali u r-rikorrent appellat instab ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih, u ikkundannat għal tliet (3) xhur ħabs, sospiżi għal sentejn

---

[8] Verbal tas-smigħ, f'paġġ. 53 – 4 tal-proċess
[9] Dok "AG2", f'paġġ. 17 – 9 tal-proċess
[10] Paġ. 74 tal-proċess
[11] Dok "AG3", f'paġġ. 20 – 3 tal-proċess
[12] Paġ. 80 tal-proċess
[13] Paġġ. 82 – 3 tal-proċess
[14] Affidavit ta' Dr Peter Fenech 16.3.2010, f'paġ. 39 tal-proċess
[15] Dok "AG4", f'paġġ. 24 sa 33 tal-proċess

skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22A tal-Kodiċi Kriminali;

Illi fit-22 ta’ Jannar, 2010, infetħet din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta’ natura legali marbutin mal-każ taħt eżami, l-każ kollu tar-rikorrent jintrabat mal-kwestjoni tal-ksur ta’ smigħ xieraq. B’mod partikolari, r-rikorrent iqis li dan il-ksur seħħ ladarba l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet tat sentenza bla ma kellha quddiemha l-atti kollha tal-kawża, għaliex ix-xhieda mismugħa mill-Qorti tal-Maġistrati ma kinitx traskritta u ma kinitx tinsab fl-atti quddiem il-Qorti tal-Appell. Ir-rikorrent jżid li ladarba l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ser tagħti sentenza fuq il-mertu tal-appell li sarilha, n-nuqqas tagħha li terġa’ tisma’ dawk ix-xhud li x-xhieda tagħhom ma kenitx ġiet traskritta jikkostitwixxi, minnu nnifsu, ksur tal-imsemmi dritt fundamentali, kemm f’dak li jirrigwarda l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-artikolu 6(3)(d) tal-Konvenzjoni;

Illi l-Qorti tgħid li huwa f’dawn it-termini li sejra tqis l-ilment tar-rikorrent. M’hijiex sejra tistħarreġ il-kwestjoni dwar jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali argumentatx tajjeb il-każ li kellha quddiemha. Din il-Qorti m’hijiex sejra tagħmilha ta’ qorti ta’ appell fuq il-Qorti tal-Appell Kriminali, għaliex dan m’huwiex ix-xogħol li trid tagħmel biex tistħarreġ l-ilment ta’ ksur tal-jedd fundamentali msemmi mir-rikorrent. Il-każ imressaq mir-rikorrent irid jitqies biss fil-parametri ta’ ksur tad-dritt għal smigħ xieraq kif sejjer jingħad aktar ’il quddiem, u dan b’mod partikolari jekk kemm-il darba jirriżulta li għan-nuqqas lamentat ir-rikorrent ma kien jaħti xejn[16];

Illi jidher li l-ilment tar-rikorrent dwar in-nuqqas ta’ smigħ xieraq idur mal-aspett ta’ ġustizzja li mhux biss issir imma tidher li qiegħda ssir, u wkoll l-aspett tal-opportunita’ ndaqs lill-partijiet tul smigħ ta’ kawża (magħruf bħala “*equality of arms*”). Safejn huwa rilevanti għall-każ tal-

---

[16] P.A. (Kost) TM **7.7.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Mintoff vs Avukat Ġenerali et*** (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-**14.3.2005**) b’mod partikolari dwar is-siwi ritwali tal-verbali li jsiru matul is-smigħ ta’ kawża

lum, l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li "*Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi*". Min-naħa l-oħra, l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jipprovdi li "*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. ...*". Filwaqt li l-artikolu 6(3) tal-istess Konvenzjoni jipprovdi li "*Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin: ... (d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu*";

Illi huwa aċċettat u mgħallem li "*Paragraph 3(d) does not grant the accused an unlimited right to secure the appearance of witnesses in court. In principle, it is for the national courts to consider whether a particular witness should be heard. Therefore, it is not sufficient for an applicant to complain in Strasbourg that he has not been allowed to question a certain witness; in addition, he must explain why it is important for the witness concerned to be heard and the evidence must be necessary for the establishment of the truth. ... The second limb of paragraph 3(d) clearly allows for discretion on the paert of the national court because its only requirement is that the prosecution and the accused receive equal treatment in this respect. With regard to the summoning of witnesses for the defence and their examination, domestic law and the courts may set conditions and impose rrestrictions, provided that these apply equally in respect of the witnesses for the prosecution. ... However, here again, the fact that paragraph 3(d) has not been violated does not yet mean that the requirements of the first paragraph have been satisfied. Moreover, the Strasbourg Court has restricted the discretion of the courts somewhat by requiring that the national courts should state the reasons*

*for rejecting a request of the accused to summon a witness*"[17];

Illi ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li biex wieħed iqis jekk kemm-il darba tħarisx il-prinċipju tat-trattament indaqs tal-partijiet f'kawża, wieħed irid jara jekk, fil-każ konkret, il-qorti tkunx tat l-istess opportunita' lill-partijiet biex iressqu l-każ tagħhom;

Illi mill-atti tal-kawża joħroġ li, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, kienu nstemgħu żewġ xhud, wieħed min-naħa tal-prosekuzzjoni u l-istess rikorrent bħala l-imputat in difiża. Ix-xhieda mogħtija ma kenitx reġistrata u lanqas traskritta. Dokumenti li ressaq ir-rikorrent hu u jixhed quddiem dik il-Qorti kienu ddaħħlu fil-proċess u kienu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali meta l-Avukat Ġenerali kien ressaq l-appell tiegħu, tant li f'biċċa l-kbira mir-Rikors tal-Appell irrefera għalihom. Ma kenitx regola li x-xhieda li tingħata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tkun traskritta[18]. Meta l-Qorti tal-Appell semgħet il-każ kulma ngħad hu li "*Meta ssejħet il-kawża deher l-appellant Avukat Ġenerali. Deher l-appellat assistit minn Dr Peter Fenech. Ġiet trattata l-kawża. Il-kawża differita għas-sentenza għall-11 ta' Jannar, 2010, fid-9.00. a.m. L-appellant ġie notifikat fl-awla*"[19]. Mix-xhieda mogħtija f'din il-kawża, madankollu, ħareġ li t-trattazzjoni tal-avukati kienet waħda estensiva u fuq il-mertu kollu, jiġifieri kemm fuq l-eċċezzjonijiet preliminari mqanqlin mill-appellat (ir-rikorrent tal-lum) u kif ukoll dwar il-mertu tal-appell. Ma sar l-ebda verbal mid-difensur tar-rikorrent (l-appellat) dwar il-fatt li x-xhieda mismugħa mill-Qorti tal-Maġistrati ma kinitx traskritta u ma kinitx tagħmel parti mill-atti li kellha quddiemha l-Qorti tal-Appell Kriminali, u lanqas dwar il-fatt li huwa talab li l-appellat jew ix-xhud l-oħra li tat ix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jerġgħu jagħtu x-xhieda tagħhom quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali;

---

[17] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *Theory and Practice of the European Convention on Human Rights* (4th Edit) pp 644, 648 – 9
[18] Xhieda ta' David Saliba 1.2.2011, f'paġ. 457 tal-proċess
[19] Paġ. 85 tal-proċess

Illi minn dawn il-kostatazzjonijiet ta' fatti joħroġ li, fis-sewwa, l-ilment tar-rikorrent dwar in-nuqqas ta' xhieda quddiem il-Qorti tal-Appell ma kienx wieħed marbut ma' xi żvantaġġ għal xi waħda mill-partijiet fil-konfront tal-oħra. Lanqas ma jista' jingħad li kien xi nuqqas amministrattiv li xi ħadd naqas li jara li l-proċess kien sħiħ, ladarba x-xhieda mogħtija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati lanqas biss kienet traskritta. Għalhekk, jekk wieħed jagħsar l-istess ilment tar-rikorrent għall-essenzjal tiegħu, dan ifisser biss li r-rikorrent qiegħed jilminta mill-fatt li l-Qorti tal-Appell Kriminali naqset milli taċċetta li tisma' x-xhieda tiegħu f'dak l-istadju tal-appell u għaddiet biex tat is-sentenza tagħha fuq il-mertu kollu bla ma tatu smigħ. Il-mistoqsija hi jekk kemm-il darba dan in-nuqqas jisarrafx fil-ksur tad-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq;

Illi b'żieda ma' dak li ssemma aktar qabel dwar id-diskrezzjoni li għandha qorti dwar is-smigħ ta' xhieda, irid jingħad li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali ma laqtitx biss lir-rikorrent, iżda wkoll lill-prosekuzzjoni. Minħabba li kienet il-prosekuzzjoni li appellat mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, forsi kien jista' jingħad li kien aktar fl-interess tagħha li x-xhieda mogħtija mix-xhud tagħha tkun tagħmel mill-atti tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Kif ingħad, madankollu, l-ebda waħda mill-partijiet ma ntwera li talbet li l-Qorti tal-Appell Kriminali tippermetti li tinstema' x-xhieda quddiemha jew ivverbalizzat l-insistenza tagħha għat-tressiq tax-xhud minħabba xi rifjut ta' talba bħal dik. Minbarra dan, jidher li meta saret it-trattazzjoni tal-każ, dik il-Qorti ma illimitatx is-smigħ għal xi aspetti partikolari jew għall-eċċezzjonijiet preliminari li kien qanqal l-appellat (ir-rikorrent) u meta ħalliet il-kawża għas-sentenza, ma indikatx li kienet ser tippronunzja ruħha dwar xi aspett partikolari tal-każ jew għamlet xi riżerva oħra biex tagħti x'tifhem li s-sentenza tagħha kellha tkun waħda *in parte*. B'żieda ma' dan, meta l-Qorti tal-Appell ħalliet il-kawża għas-sentenza, kienet diġà' taf li x-xhieda mogħtija quddiem l-ewwel Qorti ma kenitx ġiet traskritta u ma kenitx tagħmel parti mill-atti li kellha quddiemha. Jirriżulta wkoll li, fil-parti deliberativa tas-sentenza tal-istess Qorti, saret riferenza għall-provi

(dokumentali) mressqa mill-appellat innifsu u li kienu jinsabu fl-atti tal-kawża;

Illi f'dan l-istadju, l-Qorti tirreferi għad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 419(4) u 424 tal-Kodiċi Kriminali biex turi li l-liġi nnifisha tagħraf li xhieda mogħtija waqt proċeduri sommarji quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mhux tabilfors ikunu tniżżlu bil-miktub. Dak il-fatt ma jnaqqas xejn mis-siwi tal-atti tal-każ u lanqas ifisser li f'każ ta' appell lill-Qorti tal-Appell Kriminali, n-nuqqas ta' xhieda traskritta tissarraf f'inkartament li ma jkunx sħiħ[20]. Il-prattika hi li, fl-istadju tal-appell, il-Qorti tal-Appell Kriminali tisma' hi x-xhud li jkunu xehdu quddiem l-ewwel qorti, jekk issirilha talba minn xi waħda mill-partijiet f'dan ir-rigward;

Illi ingħad li "*d-dritt għal smigħ xieraq ma jfissirx li min, a tempo vergine, ikollu okkażjoni jirrimedja għal xi allegat nuqqas iżda jonqos milli jużufruwixxi mill-okkażjoni, jkollu dritt ulterjuri li jilmenta li nkisirlu xi dritt fundamentali tiegħu. Persuna ma tistax tinjora l-ordnijiet tal-Qorti jew tittraskura li ssegwi dak li jiġi verbalizzat in atti, u wara tippretendi li sar xi żball li affettwa l-każ tagħha quddiem dik il-Qorti. ... Jekk għal xi allegat żball parti f'kawża jkollha rimedju li jkun vijabbli u effettiv, iżda ma tutilizzahx, ma tistax wara tilmenta minn xi nuqqas*"[21];

Illi bl-istess mod, biex jista' jingħad li jkun hemm ksur ta' smigħ xieraq li jolqot radikalment is-siwi ta' sentenza li tkun ingħatat, irid jintwera li dik is-sentenza tkun ingħatat bi ksur ċar tal-impenn jew rabta li għalih tkun tħalliet. Hekk, b'eżempju, jkun hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq jekk kemm-il darba Qorti (speċjalment jekk tkun waħda tal-aħħar istanza) tkun ħalliet kawża għas-sentenza fuq aspett preliminari jew partikolari, imma tagħti sentenza fuq il-mertu kollu li ma jkunx għadu ġie trattat quddiemha kif imiss[22];

[20] Ara App. Krim. **8.6.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Gaetano Abdilla, et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.iv.205**)
[21] Kost.**7.2. 2005** fil-kawża fl-ismijiet ***A & J Ħili ta' Miema Ltd vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud***
[22] Kost. **31.1.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Montebello vs L-Avukat Ġenerali et***

Illi wara li ħasbet sewwa fuq iċ-ċirkostanzi u r-riżultanzi fil-kawża li għandha quddiemha bl-ilment tar-rikorrent, din il-Qorti ma ssibx li l-fatt waħdu li x-xhieda mogħtija mill-partijiet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ma kenitx traskritta u mqiegħda fl-atti meta l-każ tressaq quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali wassal għal ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq għar-rikorrent. Għalkemm seta' kien xieraq li dik il-Qorti tisma' x-xhieda li xehdu quddiem l-ewwel Qorti, l-ebda waħda mill-partijiet ma jidher li talbet li jsir dan. Jidher ukoll li fl-atti li kellha quddiemha, kien hemm biżżejjed provi li bihom setgħet (u jidher li hekk għamlet) tifforma ġudizzju li jorbot il-fehmiet tagħha dwar il-liġi mal-fatti tal-każ. Dawn iċ-ċirkostanzi jagħmluha diffiċli għal din il-Qorti biex issib li l-Qorti tal-Appell Kriminali naqset li tkun ekwa ma' parti b'vantaġġ għall-oħra jew li mxiet b'mod li juri li kienet parzjali favur naħa jew l-oħra;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrent** u ssib li hu ma seħħlux juri li ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq la taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u lanqas taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

**Tiċħad it-tieni talba** billi din tiddependi minn ta' qabilha; u

**Tordna** li r-rikorrent iħallas **l-ispejjeż tal-kawża** għajr għal dawk marbuta mas-sentenza preliminari tat-2 ta' Diċembru, 2010, li għandu jbatihom l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------